# 1

# Il-Klabb

Il-bajja kienet mimlija bid-dgħajjes u l-frejgatini. Il-baħar kalm kien qisu mera bix-xemx tgħammex ġo nofsu. Xi żewġ jottijiet kienu jidhru 'l bogħod, u kultant tgħaddi xi dgħajsa tal-qlugħ kemm kemm titħarrek. Is-sħana kienet taqtagħlek nifsek.

Fuq il-lemin tal-bajja kienu jidhru ringiela dwejriet u griebeġ qodma ta' xi erba' sajjieda tal-post, iżda fuq ix-xellug u n-naħiet ta' wara kien mimli djar moderni u flettijiet bil-galleriji kbar miftuħa. Sa ftit snin ilu r-raħal ma kien xejn għajr post kwiet u ħiemed tas-sajjieda, imma minn ftit taż-żmien 'l hawn bdew jersqu t-turisti, bdew telgħin id-djar, il-vilel u l-flettijiet, infetħu xi żewġ toroq ġodda bis-siġar, intramaw ħafna ħwienet moderni … u r-raħal kwiet tas-sajjieda xjuħ inbidel f'post ta' villeġġjatura mill-aktar imfittxija.

Imbagħad fix-xitwa kollox jerġa' jikkwieta. Il-vilel u l-flettijiet jiżvojtaw u jorqdu, it-toroq jitbattlu; u waqt li l-mewġ bil-grigal jitħajjar jibla' l-art, l-erba' sajjieda xjuħ jitgeddsu wara l-ħġieġ ta' djarhom jiżżu ħajr 'l Alla li ma nqabdux fuq il-baħar. Iżda l-ħajja siekta tar-raħal ma ddumx wisq. Malli jitbiegħed Frar u joqorbu bil-mod il-mod April u Mejju, il-ħajja moderna u għaġġelija terġa' tiġi titbaħbaħ fuq ix-xtajtiet tar-raħal.

Ma' nżul ix-xemx sajfija t-toroq jimtlew bin-nies. Kulħadd joħroġ jippassiġġa għall-frisk jew jinxteħitlek fuq il-bankijiet max-xtajta. Iż-żgħażagħ erħilhom jinġabru roqgħa roqgħa, jitkellmu u jisimgħu d-diski, imorru sal-gabbana jdoqqu l-*juke-box*, jiżfnu u jniżżlu ġelat wara l-ieħor. Uħud kienu jinżlu għal dik l-għawma ta' filgħaxija u oħrajn jerħulha bil-frejgatina.

"Lanqas ili li xtrajtu sena," kien qed jgħid Vince lil Carmen u lil Anna hu u jurihom it-*tape recorder* li kellu f'idu.

"Sabiħ," weġbitu Anna, "ħadtu xejn għoli?"

"Erbgħin lira," qabeż Vince waqt li beda jdawru f'idu, "jaħdem anki bid-dawl u għandu tliet *speeds*. Taf x'ħoss għandu hux …" U fil-pront fetaħlu beraħ u nstemgħet id-diska *Sweet Love* li kienet fit-tielet post tal-klassifika.

"Hux … għollilu Vince," għajtejt Carmen, "kemm togħġobni did-diska …!"

"Id-diski tal-EX-RAYS kollha tajbin," daħket Anna.

"Bilħaqq," qabeż fin-nofs Vince waqt li baxxa s-*sound* tad-diska, "intom ġejjin għada, hux?"

"Dażgur li ġejjin," wieġbu flimkien Carmen u Anna, "is-soltu … mhux hekk?"

"Iva … ħdejn l-Ilsien," reġa' Vince, "Reno qalli li se niltaqgħu għal xi s-sebgħa u nofs."

"Kollox sew," qalet Carmen, "niġu żgur."

It-tliet żgħażagħ ma damux jitkellmu wisq, għax min-naħa l-oħra tat-triq għaddiet Rose u t-tfajliet telqu minnufih biex ikellmuha. Vince xejrilhom u telaq waħdu

jdoqq it-tejp u jkanta miegħu minn taħt l-ilsien.

Fl-Istati Uniti l-grupp Amerikan THE EX-RAYS kien qed jikseb suċċess wara l-ieħor. F'sena waħda kien ħareġ 'il fuq minn għaxar diski u l-biċċa l-kbira minnhom kienu telgħu 'l fuq sewwa fil-klassifika. Meta xi xahrejn ilu l-grupp mar iżur l-Ingilterra tgħidx x'suċċess għamel u saħansitra ħadem għadd ta' wirjiet għal fuq it-televixin. F'Malta wkoll, il-popolarità kienet qed tiżdiedlu ġmielha. Id-diski tiegħu kont tismagħhom kull fejn tmur. Waħda mill-aktar li mxiet kienet id-diska *Sweet Love* u ħafna kienu qed jaħsbu li f'anqas minn ġimgħa titla' fl-ewwel post tal-klassifika.

Għalhekk mhux ta' b'xejn li ż-żgħażagħ tal-villeġġjatura kienu tħajru jwaqqfu *Fan Club* ta' dan il-grupp famuż. Il-biċċa kienet bdiet biċ-ċajt, iżda Frans, ġuvnott ta' ħmistax-il sena kien ħadha bis-serjetà u kien hu li ħareġ bl-idea tal-klabb. M'għandniex xi ngħidu, minnufih sab ħafna li ħatfuh fil-kelma; minn ta' quddiem insemmu lil Vince u 'l Carmen. B'kollox kienu ġa nġabru daqs seba' ġuvintur u għaxar tfajliet. Frans kien tal-fehma li n-numru tal-membri jibda jiżdied bil-mod il-mod. L-għada kellha ssir l-ewwel laqgħa tal-klabb, għall-beraħ, fuq biċċa blat bajdani fit-tarf tax-xtajta magħrufa bħal "l-Ilsien".

Ix-xemx kienet ilha biss ftit minuti li nħbiet. Is-sema kien minn lewn il-larinġa u l-mewġ ħafif tal-baħar kien ileqq bl-istess kuluri. Anki l-qlugħ bajdana tad-dgħajjes kienu saru ħamranin. Il-baħar kien tbattal mill-għawwiema waqt li t-toroq ta' max-xtajta bdew aktar jimtlew.

Fuq l-Ilsien, għall-kwiet u 'l bogħod mill-għagħa

tat-toroq kien hemm miġbura ċorma żgħażagħ; min jitkellem, min idoqq id-diski, min jidħak u min ikanta. Iżda wara ftit id-diski waqfu u ż-żgħażagħ daru qaqoċċa jitkellmu b'aktar kwiet u serjetà.

"Allura x'se jkun l-iskop tal-klabb?" instema' jistaqsi Freddie.

"L-iskopijiet tal-*Fan Clubs* kollha l-istess," wieġbu fil-pront Frans li kien bilwieqfa f'nofs il-qaqoċċa żgħażagħ, "aħna lkoll *fans* tal-EX-RAYS u l-klabb li nwaqqfu jservi biex ikabbrilhom il-popolarità."

"Hawn ħafna *Fan Clubs* ta' gruppi u kantanti oħrajn," qabżet tgħid Doris, tfajla rqiqa b'xagħar isfar u twil sa fuq spallejha, "inkunu bħalhom."

"Ara, biex inwaqqfu klabb jeħtieġ nibdew mill-bidu nett," kompla Frans, "irridu qabelxejn nagħżlu *leader*!"

Ma kienx hemm bżonn ta' votazzjoni. Kulħadd beda jgħajjat:

"Frans … Frans!"

"L-idea hi ta' Frans," żied Charles, "għalhekk ħadd ma jista' jkun kap aħjar minnu."

"Kollox sew," qalilhom Frans meta kulħadd ikkwieta, "jekk tridu lili jiena naċċetta." U kulħadd reġa' tah ċapċipa oħra.

"X'se jkun l-ewwel xogħol tagħna?" staqsa Reno.

"Niddobbaw l-indirizz tal-EX-RAYS u niktbulhom ittra," qamet tgħid Miriam.

"U nitolbuhom jibagħtulna ritratt iffirmat," kompla jgħid Vince.

“Indirizz għandi,” qal Frans waqt li ħareġ karta mill-but u b’leħen għoli qara l-indirizz twil tal-EX-RAYS.

U hekk seħħ it-twelid tal-klabb. Dik il-lejla ż-żgħażagħ ma qagħdux jitilfu ħafna ħin fit-tpaċpiċ. Wara li għażlu l-*leader* u ddeċidew li jiktbu ittra lill-grupp, reġgħu bdew jisimgħu d-diski, jidħku u jitħaddtu bħal qabel.

Sadanittant laħaq dalam. Id-dwal tal-vilel u l-flettijiet, kif ukoll il-lampi qawwija tat-toroq kienu qed jitħalltu flimkien u jaqgħu fil-baħar b’riflessi strambi. ’Il bogħod, fuq id-dalma tax-xefaq kienu jidhru jitbandlu d-dwal teptiepa ta’ xi sajjieda.

Ħin minnhom Charles resaq lejn Joe. Dawn iż-żewġ ġuvnotti kienu aħwa ... anzi tewmin. Min kien jiltaqa’ magħhom għall-ewwel darba ma kienx jirnexxilu jagħraf malajr min hu Joe u min hu Charles. Kienu tassew wiċċ wieħed. Iżda sħabhom li kienu ilhom jafuhom kienu draw jagħrfuhom bla tbatija. Charles kien aktar fuq ruħu, u Joe dan l-aħħar kien ħalla xagħru biċċa sewwa itwal minn ta’ ħuh.

“Ħares,” qal Charles lil Joe, “dawk id-dwal tal-faċċata mnejn huma ġejjin? Hemmhekk mhux il-fortizza tgħid?”

“Iva,” wieġbu Joe, “hemmhekk il-fortizza żgur!”

“X’intom taraw?” resqu jistaqsuhom Miriam u Doris. Dawn iż-żewġ tfajliet kienu ħbieb ħafna ta’ Charles u Joe. Missier Miriam kemm-il darba kien jistieden lil missier Charles u Joe biex imur jistad miegħu bil-frejgatina; u Doris kienet toqgħod fl-istess triq tas-subien.



*"Ħares," qal Charles lil Joe, "dawk id-dwal tal-faċċata mnejn huma ġejjin? Hemmhekk mhux il-fortizza tgħid?"*